**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Numru 2381

Każ Numru 3144/KBC

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

James Buhagiar (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 302477(M))

u

Jani Limited (C 13657)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 24 ta' April, 2015

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tat-12 ta' Lulju, 2013, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu kien ġie terminat għal raġuni mhux ġustifikata;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent;

Ra r-risposta u d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetà ntimata li permezz tagħha stqarret li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet għal raġuni valida fil-liġi;

Ra l-lista tax-xhieda tal-partijiet;

Sema' x-xhieda ta' Justin Zammit Tabona, li spjega l-fatti kif irriżultaw lilu u ta rendikont tal-konversazzjoni li kellu mar-rikorrent meta rrinfaċċjah bl-ilment tal-klijent dwar it-teħid ta' ħwat tal-ġebel, u wkoll li l-klijent kien qallu li r-rikorrent ikkonferma li kien ħadhom hu u qallu li jinsabu ġewwa x-Xara Lodge. In kontro-eżami stqarr li r-rikorrent kellu każijiet oħra fejn kien hemm xi lmenti u wkoll xi każ

dwar ċekkijiet. Meta kien ċempel lir-rikorrent dwar il-każ, dan ikkonfermalu li l-ħwat kienu għandu u x-xhud ordnalu biex jirritornahom għand il-klijent. Stqarr li l-klijent kien qallu li r-rikorrent infurmah li l-ħwat kien ħadhom ix-Xara Lodge biex iwarrabhom. Xehed li meta sejjaħ lir-rikorrent fil-preżenza ta' Michael Mifsud, id-deċiżjoni li jwaqqaf lir-rikorrent mix-xogħol kien ġa ħadha, ma ħariġlu ebda charge bil-miktub u ma taħx l-opportunità li jersaq b'rappreżentant biex jiddefendi lilu nnifsu. Mistoqsi għalfejn ma segwiex il-proċedura ta' dixxiplina li tinsab fi klawsola 10 tal-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent, xehed biss li huwa ma jaċċettax serq.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent fejn spjega x'kien ix-xogħol tiegħu mall-kumpanija ntimata, u wkoll fuq ix-xogħol li kien qed isir għall-klijent Ronald Attard. Huwa xehed li darba minnhom filgħaxija mar fuq il-lant tax-xogħol meta ma kien hemm ħadd u ġabar żewġ ħwat żgħar, ossia qsari, tal-ġebel li kienu mormija fi skip. Qal li filgħaxija kellmu Nicky Taliana, li jieħu ħsieb il-bennejja, u staqsieh dwar il-ħwat u hu min-naħa tiegħi bagħat messaġġ lil Ronald Attard fejn qallu li kien warrabhom hu. Huwa ċaħad li qallu li l-ħwat kienu ġewwa x-Xara Lodge. Xehed li l-għada huwa rritorna l-ħwat lura għand il-klijent, li rringrazzjah. Huwa qal li l-għada t-Tnejn ġie msejjaħ minn Michael Mifsud biex imur ix-Xara Palace ħalli jkellmuh hu u Justin Zammit Tabona. Fil-laqgħa Zammit Tabona qallu li jew jirriżenja jew jitkeċċa u r-rikorrent sfidah biex isejjaħ lill-pulizija dak il-ħin jekk kien qed jakkużah b'serq. Huwa qallu li ma kienx se jirriżenja. Ir-rikorrent stqarr li kien hemm problemi fil-kumpanija  u li minħabba fihom kienu qed jippjanaw li jnaqqsu l-impjegati. Meta sab ruħu waħdu ma' Zammit Tabona akkużat li bit-tkeċċija tiegħu kien qata' xewqtu u ħeles minn paga. Din il-laqgħa ħadet madwar kwarta u ma kellux opportunità li jkellem avukat jew iġib rappreżentant u lanqas ingħata ittra bl-akkużi kontrih. In kontro-eżami huwa xehed dwar problemi li kien hemm bejnu u d-diriġenti tal-kumpanija qabel l-inċident mertu tal-każ. Qal li r-raġuni għala kien mar filgħaxija fuq il-lant tax-xogħol kienet biex jivverifika jekk il-ħaddiema baqgħux overtime u fil-fatt irriżultalu li kienu laħqu għalqu u telqu. Qal li l-iskip fejn kienu l-ħwat kien jinsab barra fit-triq u li setgħu ramewhom terzi persuni sa fejn kien jaf hu, u allura ħadhom biex iżommhom hu għax kienu mormijin. Huwa stima li l-ħwat kienu jiswew għoxrin ewro 'l waħda.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-20 t'Ottubru, 2014, l-każ ġie differit għad-deċiżjoni;

**Ikkunsidra:-**

Illi jkun utli qabel xejn illi jingħad li *"kif inhu sew konoxxut kwestjonijiet koinvolgenti rapport tax-xoghol u materji implikanti nuqqas ta' l-osservanza tad-diligenza fl-ezekuzzjoni tad-doveri da parti ta' l-impjegat jew dik tal-kondotta abusiva jew negattiva tieghu, jippartecipaw minn zewg stadji: il-wiehed extra-gudizzjarju regolat minn proceduri interni ta' dixxiplina u dik tal- kontestazzjoni ta' l-addebitu li bih l-impjegat jigi konfrontat; l-iehor gudizzjarju, ghal kaz fejn, bhala mizura ta' dixxiplina, l-impjegat jisfa mkecci mill-post tax-xoghol".* Ara "Brian Busuttil -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd", 27 ta' Marzu, 2009;

Klawsola 10 tal-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent tipprovdi proċedura dettaljata li tistipula kif għandha sseħħ id-dixxiplina ta' l-impjegat. Minn dan jitnissel li l-partijiet kontraenti huma mistennija li jirrispettaw il-kontrattazzjonijiet ta' bejniethom, hekk vinkolanti fuqhom, u jevitaw milli, b'xi mod, b'att unilaterali jfixxklu sensibilment l-ekwilibriju kontrattwali. Dan, wara kollox, kien, indubbjament, l-intendiment komuni tal-partijiet kontraenti li rredigew u ffirmaw il-kuntratt tax-xogħol *de quo*.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ma jidhirx illi l-poter dixxiplinarju, kif regolat fil-kuntratt tax-xogħol *de quo*, jista' jitqies li ġie remotament attwat, skond il-principju tal-legalità u tal-kuntratt, jekk ma jkunx ġie investit kif imiss. Jekk din is-sitwazzjoni titħalla tinbidel għall-volontà unilaterali, t-Tribunal ikun komplici li qed jippremja lill-arbitriju u jagħti brevett ta' immunità għal kull inadempjenza tal-ftehim. Għal dan it-Tribunal, dan la hu permissibbli li jsir u lanqas ma hu ġustifikat. Huwa ċar li r-regoli proċedurali inseriti fil-ftehim qegħdin hemm biex jillimitaw id-diskrezzjoni tal-prinċipal fil-mod kif isseħħ id-dixxiplina ta' l-impjegat. Din il-limitazzjoni tal-poter, fil-każ in diżamina, ġiet vjolata bl-aġir unilaterali tal-prinċipal u mill-provi mismugħa minn dan it-Tribunal ma hemm xejn li jiġġustifika tali aġir tal-prinċipal li aġġira l-ftehim u l-makkinarju proċedurali fih kontemplat.

Fid-dawl tal-premess, dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jiddilunga inutilment fuq ir-raġunijiet mogħtija mill-kumpanija biex tiġġustifika l-liċenzjament. Hu l-każ però li jagħmilha ċar li b'dak li ngħad hawn fuq ma għandux ifisser illi r-rikorrent huwa b'daqshekk eskulpat minn kull ħtija. Ifisser biss li r-rikorrent għandu jitqiegħed fl-istat *ante quo* id-deċiżjoni tal-kumpanija li lliċenzjatu u jiġi sottomess għall-proċediment previst mill-kuntratt tax-xogħol tiegħu skont l-Artiklu 10. Wara kollox f'każ ta' deċiżjoni avversa għalih hu dejjem jibqgħalu d-dritt ta' reviżjoni minn Tribunal indipendenti.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi:**

1. **fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà ntimata tivvjola d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u saret bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tiegħu;**
2. **fit-tieni lok jordna li r-rikorrent jitqiegħed fl-istat *quo ante* l-liċenzjament tiegħu u għalhekk ikun ingaġġjat mill-ġdid mas-soċjetà ntimata b'effett mill-11 ta' Ġunju, 2013, u jitqies li minn dakinhar sa llum ma kellu ebda pawża fis-servizz;**
3. **fit-tielet lok jiddikjara lill-kumpanija għandha tħallas lir-rikorrent dawk l-arretrati ta' pagi u ħlasijiet statutorji li akkumulaw fil-perjodu mid-data tal-liċenzjament sad-data tal-ingaġġ mill-ġdid, u jordna lill-kumpanija ntimata li tħallas tali arretrati ta' pagi f'pagament wieħed, bl-imgħaxijiet mid-data ta' din id-deċiżjoni.**
4. **fir-raba' lok jiddikjara li r-rikorrent għandu jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji abbażi ta' akkuża bil-miktub li l-kumpanija tista' tagħmel fil-konfront tiegħu in konnessjoni mat-teħid tal-ħwat, u jibqa' impreġudikat il-jedd tar-rikorrent għal reviżjoni ta' eventwali deċiżjoni dixxiplinarja minn Tribunal indipendenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**